MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 142/2003

**Avviz numru 142/03DM**

**Malcolm Mifsud**

**Vs**

**Kevin Joseph Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-istanti Lm2028.24 danni li kkaguna f'incident stradali li sehh il-Mosta fl-1 ta' Jannar 2003 bejn VW Polo Nru MAL 082 misjuqa mill-istanti u Cortina Nru GAD 768 misjuqa mill-konvenut, prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi Lm23 ta’ konsult u ittri, dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax min-notifika tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kevin Joseph Farrugia fejn eccipixxa illi:

1 It-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti Kevin Joseph Farrugia huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b’tort ta’ Kevin Joseph Farrugia pero b’tort ta’ Malcolm Mifsud sewwieq tal-vettura numru MAL 082 u dana kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti m’huwiex responsabbli ghall-ebda hlas ta’ danni;
2 Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq premess id-danni reklamati huma esagerati;
3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Novembru 2003 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li qed jikkontesta biss ir-responsabbilita u mhux il-quantum tad-danni

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi dwar ir-responsabbilita’ l-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet tal-kontendenti billi kienu s-sewwieqa fil-hin tal-kollizjoni u d-deposizzjoni ta’ PS 455 Emmanuel Sammut li kien l-ufficjal illi nvestiga l-kaz u irrediga l-‘accident report’ u l-iskizz relattiv.

Ma hemmx kontestazzjoni dwar it-trajettorja illi ghamlu s-sewwieqa ftit qabel u matul il-hin ta’ l-incident. Infatti jirrizulta illi l-attur Malcolm Mifsud kien qed isuq ghad-dritt

fi Triq Vjal l-Indipendenza, miexi fid-direzzjoni ta’ H’Attard u l-konvenut hareg minn Triq Tonna illi tigi fuq in-naha tax-xellug tal-karreggjata li kien qed juza l-attur u l-vetturi habtu xi mkien bejn Triq Tonna u Triq id-Dawr li fiha ried jidhol il-konvenut u spiccaw ma’ xulxin fl-entrata ghal Triq id-Dawr.

Filwaqt illi l-attur isosstni illi l-kollizjoni grat ezattament meta huwa kien qed javvicina Triq Tonna ghax kien il-konvenut li hariglu f’daqqa u ostakolalhu l-karreggjata, l-konvenut isosstni illi huwa kien diga’ ha postu fil-karreggjata illi kien gej fiha l-attur, u illi l-kollizjoni grat meta l-konvenut kien qed javvicina Triq id-Dawr fejn huwa ried jidhol u ghalkemm kellu l-‘indicator’ mixghulin u kien diga’ qieghed jitlaq l-karreggjata biex jaqbad Triq id-Dawr, l-attur gie minn warajh ipprova jissorpassah u saret il-kollizjoni.

Mir-rapport li ghamel l-ufficjal tal-pulizija jirrizulta illi sa mill-bidu nett iz-zewg (2) sewwieqa kienu qed isostnu dawn il-verzjonijiet taghhom.

Ghalhekk il-Qorti, trid tezamina c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz sabiex tistabbilixxi jekk hemmx xi cirkostanza li tista’ ssahhah jew iddajjef il-verzjoni ta’ xi sewwieq iktar minn ta’ l-iehor.

Jirrizulta illi dak il-hin tal-habta kienet ix-xita u ghalhekk dan jispjega izjed l-assenza ta’ ‘brake marks’ kif ukoll anke l-assenza ta’ indizji ohra li jistghu jindikaw precizament fejn kien l-‘spot of inpact’.

Jirrizulta wkoll illi kuntrarjament ghal dak li jidher fl-iskecc Triq Tonna hija iktar distanti minn Triq id-Dawr u kienet tinsab f’xi distanza ta’ xi hamsa u ghoxrin (25) metru kif ahjar jidher fir-ritratti esebiti mill-konvenut a fol. 36 tal-process u mmarkati bhala dokumenti ‘KJF 1’ u ‘KJF 2’.

Fost ir-regoli li huma applikabbli ghal dan il-kaz hija mportanti r-regola li tobbliga kull sewwieq illi jkun irid jinvadi triq principali li, qabel ma jipprocedi ghal dik it-triq principali, huwa jesplora sew il-karreggjata li fiha jrid jidhol

sabiex jaccerta ruhu illi ma jkun ser jostakola b'ebda mod lit-traffiku li jkun qed juza t-triq principali.

Ghaldaqstant kien obbligu tal-konvenut illi qabel ma johrog minn Triq Tonna, huwa jesplora sew fuq il-lemin tieghu biex jaccerta ruhu li mhux ser jostakola xi karozzi li kienu qed javvicinaw u kien obbligu tieghu ukoll illi meta johrog fil-karreggjata principali ma jintelaqx fin-nofs ta' din il-karreggjata u jostakola xorta wahda lit-traffiku provenjenti minn warajh.

Regola ohra mportanti hija dik li tobbliga kull sewwieq fit-triq principali illi jzomm dejjem attenzjoni ghal dak kollu li jkun jista' jissuccedi ma' dwaru, li jzomm distanza regolamentari minn mat-traffiku li jkun quddiemu u senjatament li juza grad akbar ta' attenzjoni meta l-elementi ma jkunux favorevoli ossija meta tkun ix-xita.

Oltre dawn il-kunsiderazzjonijiet, mil-posizzjoni ta kif spiccaw il-vetturi ma' genb xulxin kif indikati fl-iskizz, l-Qorti hija tal-fehema illi l-fatturi li kkontribwew ghal din il-kollizjoni ma jinkwadrawx ruhhom f'verzjoni wahda jew l-ohra imma izjed f'verzjoni li tigi bejn dik ta' l-attur u dik tal-konvenut.

Infatti din il-Qorti hi tal-fehema illi ghalkemm huwa minnu illi l-konvenut kien diga' lahaq hareg kompletament fi Vjal l-Indipendenza, huwa tlajja' f'din il-karreggjata sabiex jibda l-manuvra ghal Triq id-Dawr minghajr ebda konsiderazzjoni ghal dak it-traffiku li seta' kien xi ftit distanti meta hareg, imma li issa kien ezattament warajh.

Minn naha l-ohra, l-attur li forsi seta' kien qed juri xi nuqqas ta' attenzjoni sab lill-konvenut quddiemu u, minghajr ma qies il-possibilita' li l-istess konvenut seta' kien intiz li jdur fuq il-lemin, ipprova manuvra ta' sorpass illi ma kelliex ezitu favorevoli.

Ghaldaqstant, issib illi huma z-zewg sewwieqa li ghandhom ir-responsabbilita' ghall-kollizjoni in kwistjoni. Izda ssib illi r-responsabbilita' tal-konvenut, illi kellu l-obbligu aktar serju li ma jostakolax b'ebda mod it-traffiku li

qed juza t-triq principali, ghandu jigi tenut illi ghandu zewg terzi (2/3) mir-responsabbilita’ waqt li l-attur ghandu jigi tenut li ghandu responsabbilita’ ghat terz (1/3) l-iehor.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta kontestazzjoni dwar il-‘quantum’ ta d-danni, l-konvenut ghandu jhallas lill-attur zewg terzi (2/3) mid-danni li sofra l-istess attur fil-kollizjoni illi gew stabbiliti fis-somma ta’ elfejn, tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmi (Lm2028.24).

Ghaldaqstant, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni fil-grad ta’ zewg terzi (2/3), qeghda tilqa’ it-talba attrici limitatament u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur zewg terzi (2/3) mis-somma ta’ elfejn, tmienja u ghoxrin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm2028.24) ekwivalenti ghal elf tlett mija, tnejn u hamsin lira u sittax il-centezmi (Lm1352.16),
oltre l-imghax legali b’effett mit-13 ta’ Marzu, 2003.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------